**14 ta' Frar, 1962.**

**Imħallef :—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt. LL.D.**

Maria Zahra et.

*versus*

Carmela sive Nena Spiteri

**Ingurja — "Animus Consulendi" — Appell — Art. 425 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Jekk il-Maġistrat jillibera lill-kwerelat minn akkuża ta' nġurja għax ikun irritjena illi in bażi għall-apprezzament tal-provi kien hemm fil-kwerelat l-"animus consulendi", il-kwerelant ma jistgħax jappella minn dik is-sentenza; għaliex il-Maġistrat ikun iġġudika fuq il-fatt kif pruvat, u mhux fuq il-fatt kif sempliċement dedott; u minbarra hekk, ma hemmx fis-sentenza ebda enunċjazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ipotesi tal-liġi, mentri l-appell tal-kwerelant mhux ammissibbli f'kull każ, iżda biss f'ċerti każijiet, li f'każ simili ma jirrikorrux.*

*Il-kwerelant, però, jista' jappella jekk li-piena nflitta mill-Maġistrat tkun diversa fil-kwalità jew fil-kwantità minn dik komminata mill-liġi.*

*Il-Maġistrat ma jistgħax isib il-kwerelat ħati ta' nġurja gravi jekk il-kwerela kienet għar-reat minuri, ċjoè ta' nġurja sempliċi, u ebda korrezzjoni ma tkun saret fiċ-ċitazzjoni minn imputazzjoni ta' reat anqas gravi għal waħda ta' mputazzjoni aktar gravi.*

Il-Qorti:— Rat il-kwerela fl-ismijiet fuq imsemmija;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-23 ta' Novembru 1961, li biha sabet lill-kwerelata ħatja talli nġurjat gravement lil Maria Zahra u kkundannatha £1 multa, u lliberatha mill-imputazzjoni rigward il-kwerela magħmula minn Nazzareno Zahra, billi, kif intqal, irriżulta li kull ma għamlet għamlitu "animo consulendi"; l-ispejjeż jitħallsu nofs mill-kwerelata u n-nofs l-ieħor mill-kwerelanti Nazareno Zahra;

Rat ir-rikors li bih iż-żewġ kwerelanti appellaw, u talbu li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu sabet lill-appellata ħatja ta' nġurja gravi fil-konfront tal-kwerelanti Maria Zahra b'nofs l-ispejjeż kontra l-appellata, iżda tirriformaha fil-piena, li ma għandiex tkun anqas mill-minimum ta' £5, u tirriformaha fejn illiberat lill-appellata fil-konfront tal-kwerelant Nazareno Zahra għaliex aġixxiet "animo consulendi", billi ssibha wkoll ħatja talli nġurjat lil dak l-appellant b'nofs l-ispejjeż tal-kawża kontra tagħha; u bl-ispejjeż ta' dan l-appell;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

In kwantu għall-appell magħmul mill-kwerelant Nazzareno Zahra, dan ma hux ammissibbli, għaliex l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li kien hemm l-"animus consulendi" in bażi għal apprezzament tal-fatti; vwoldieri, iġġudikat fuq il-fatt kif pruvat, u mhux fuq il-fatt kif sempliċement dedott; u minbarra hekk; ma hemmx fis-sentenza ebda enunċjazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ipotesi talliġi; mentri l-appell tal-kwerelant ma hux ammissibbli f'kull każ iżda biss f'ċerti każijiet, li fil-konfront ta' dan il-kwerelant, f'dan il-każ ma jirrikorrux;

In kwantu għall-appell magħmul mill-kwerelanti Maria Zahra, dan seta' jsir in bażi għall-art. 425(1) (b) (iii) tal-Kap. 12. Hu korrett li l-multa għar-reat misjub ma setgħetx tkun anqas minn £5. Verament, il-Maġistrat ma setgħax isib il-kwerelata ħatja ta' nġurja gravi (Vol. XXXVIII-IV-855), peress li l-kwerela kienet għal reat minuri, ċjoè inġurja sempliċi, u peress li ma saret ebda korrezzjoni taċ-ċitazzjoni minn imputazzjoni ta' reat anqas gravi għal imputazzjoni ta' reat aktar gravi. Divers kien ikun il-każ ta' reat minuri kompriż u nvolut fir-reat gravjuri dedott. Iżda billi l-kwerelata ma għamletx appell fil-meritu, għalhekk fil-meritu dik is-sentenza għandha tibqa' kif inhi. B'dan kollu, dak li ngħad jikkostitwixxi ċirkustanza speċjali u eċċezzjonali, li timmerita li l-piena tal-multa tiġi mniżżla taħt il-minimum ta' £5 bis-saħħa tal-art. 23A. Kod. Krim.; liema riduzzjoni tista' ssir minn din il-Qorti avvolja fuq l-appell tal-Prosekuzzjoni, "ergo" anki fuq appell tal-

kwerelant, li għall-appellabbilità għandu l-istess "locus standi" (ara App. Krim. "Pulizija vs. Vella", 8 8ta' April 1961);

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiddikjara irritu u null l-appell magħmul mill-kwerelant Nazareno Zahra, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra tiegħu;

Billi tilqa' l-appell tal-kwerelanti Maria Zahra, fis-sens li l-piena nflitta ma kienetx dik preskritta għar-reat, u kien imissha tkun almenu ta' £5, iżda, stante ċ-ċirkustanza speċjali u eċċezzjonali fuq indikata, tbaxxi dik il-piena taħt il-minimum u tirriduċiha għal £1. L-ispejjeż ta' dan l-appell ta' din il-kwerelanti jibqgħu bla taxxa, dritt tar-Reġistru a kariku tal-kwerelata. Dawk tal-prima istanza jibqgħu kif provduti, kwantu għall-kwerelata, ċjoè nofs; kwantu għal din il-kwerelanti Maria Zahra, ma hemmx lok għal regolament tal-ispejjeż in prima istanza, peress li hi ma waħlet ebda spiża f'dik l-istanza;

Drittijiet tad-difensuri "uti infra":— 12s. għas-seduta tat-13 ta' Jannar 1962, u 10s. għal dik tal-lum.